# IL-ĦAMES PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI
# APPELLI KRIMINALI
## (Sede Superjuri)

**3 ta' Ġunju, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

*Ir-Repubblika ta' Malta*

*versus*

Loreto Attard

**Droga – Kultivazzjoni – Importazzjoni – Mezz għall-Fini – Konfiska ta' l-Art – Att ta' Akkuża**

*Bl-espressjoni "jikkultiva l-pjanta Cannabis' fil-Kap. 161 il-leġislatur ried jinkludi kull każ ta' tkabbir ta' din il-pjanta u mhux biss kultivazzjoni li ssir fl-għelieqi.*

*Bejn l-importazzjoni taż-żerriegħa tal-Cannabis u l-kultivazzjoni tal-pjanta Cannabis ma hemmx ness inxindibbli fattwali u ġuridiku.*

*Il-fatt li l-ġurati ma tingħatalhomx dik il-parti ta' l-att ta' l-akkuża rigwardanti l-piena ma jfissirx li dik il-parti mhix inkluża f'dak l-att ta' l-akkuża.*

Il-Qorti: -

Rat l-att ta' akkuża numru 23 ta' l-1983 konsistenti f'erba' kopji ta' akkuża b'dan li t-tielet kap kien alternattiv għat-tieni wieħed;

Rat il-verdett tal-ġuri li bih b'sitt voti kontra tlieta sabu lill-akkużat ħati skond l-Ewwel Kap ta' l-att ta' l-akkuża; bi tmien voti kontra wieħed sabuh ħati skond it-Tieni Kap; u b'vot unanimu sabuh mhux ħati tar-Raba' Kap ta' l-att ta' l-akkuża;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali ta' l-10 ta' Ottubru 1986 li biha fl-ewwel lok iddikjarat lill-imsemmi Loreto Attard mhux ħati ta' l-akkuża miġjuba kontra tiegħu fir-Raba' Kap ta' l-att ta' l-akkuża, u minnha illiberatu; fit-tieni lok astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta' l-akkuża miġjuba kontra l-istess Loreto Attard taħt it-Tielet Kap ta' l-att ta' l-akkuża, billi dan il-Kap huwa dedott b'mod alternattiv għat-Tieni Kap; fit-tielet lok iddikjarat lill-imsemmi Loreto Attard ħati skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-akkuża, u ċjoè talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (qanneb Indjan) f'dawn il-Gżejjer bi ksur tad-disposizzjoni ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi meta ma kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; u ddikjaratu ħati wkoll skond it-Tieni Kap ta' l-att ta' l-akkuża, u ċjoè talli kkoltiva l-pjanta Cannabis;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-akkużat li permess tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi

tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati tar-raba' kap, tikkonfermaha dwar l-ewwel kap u tirrevoka dwar it-tieni kap, billi minflok issibu ħati tat-tielet kap, u fi kwalunkwe każ tirrevokaha dwar il-piena nflitta u dwar il-konfiska, billi minflok tagħti dik il-piena li aktar tagħmel għall-każ;

Rat l-atti kollha li huma relevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-appell hu prattikament limitat għat-tieni kap;

F'dan ir-rigward l-appellant qed jissottometti li ma kienx hemm kultivazzjoni, iżda t-tkabbari tal-pjanta cannabis. Skond l-appellant kultivazzjoni timporta wisq aktar mis-sempliċi trobbija ta' pjanta li tikber ħafna u malajr. Għalhekk kellu jinstab ħati tal-kap alternattiv u mhux tal-kultivazzjoni;

Illi speċjalment fl-istadju tat-trattazzjoni l-appellant permezz tad-difensur tiegħu ssottometta li l-kunċett ta' kultivazzjoni jimplika mhux is-sempliċi tkabbir ta' pjanta iżda proċess sħiħ ta' attenzjoni lill-art u lill-prodott sakemm jilħaq, proċess li ssoltu hu proprju dak li jesegwixxi l-bidwi fl-għelieqi tiegħu. L-appellant issottometta li t-tfigħ taż-żerriegħa fil-ħamrija bir-riżultat li dik iż-żerriegħa tinbet u tikber waħedha mhux kultivazzjoni għall-fini ta' l-akkuża mijġuba kontrih taħt it-tieni kap;

Illi l-Kap. 161 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtix definizzjoni ta' x'jammonta għall-kultivazzjoni tal-cannabis;

Illi proprjament il-kunċett ta' kultivazzjoni hu aktar allaċċjat ma' l-art milli ma' ħaġa oħra, infatti s-soltu wieħed normalment jikkultiva l-art. Il-leġislatur tagħna però bl-iktar mod ċar uża l-kliem "jikkultiva l-pjanta Cannabis" u għalhekk isegwi li wieħed jista' jikkultiva l-Cannabis kemm fl-għelieqi kif ukoll fi qsari u kontenituri oħra u l-enfasi qiegħed fil-kultivazzjoni tagħha. Fil-fatt il-proċess ta' kultivazzjoni jibda mill-preparazzjoni ta' l-art sa ma jilħaq il-prodott però dan ma jfissirx per eżempju li persuna ma tkunx qed tikkultiva pjanta jekk ma tkunx żrat hi stess iż-żerriegħa jew ippreparat l-art jew jekk l-art kienet ġà tajba u ma kienx jeħtieġilha preparazzjoni jew attenzjoni. Infatti persuna tista' tixtri pjanta jew takkwista waħda appena mnibbta u tkabbarha u b'daqshekk ma jistax jingħad li ma tkunx qed tikkultivaha. Kieku l-argument ta' l-appellant kellu saħħa kieku persuna li tieħu mingħand persuna oħra għalqa miżrugħa diġà bil-Cannabis u jkabbar il-pjanti u jara li jilħqu għall-qtugħ u proċessar ma jkunx ħati li kkultiva l-pjanta Cannabis għax ma jkunx ipprepara l-art u żera' ż-żerriegħa hu. Dan il-mod ta' interpretazzjoni tal-kelma kultivazzjoni però fil-fehma ta' din il-Qorti mhux ħlief limitazzjoni li l-leġislatur evidentement la xtaq jipprovdi u lanqas ipprovda u għalhekk qed jiġi deċiż li l-aggravju relattiv ta' l-appellant hu infondat. Apparti dan kollu però jingħad ukoll li mill-provi jirriżulta wkoll li dawn il-pjanti ġew ikkurati mill-appellant li għamilhom mgħodija u kien isaqqihom regolarment darba fil-ġimgħa għal xhur sħaħ. Jekk din mhux kultivazzjoni, diffiċli wieħed jifhem għal x'hix saret il-liġi;

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni aggravju ta' l-appellant fil-kliem ta' l-istess rikors ta' l-appell hu dan li ġej u ċjoè:

"*L-ewwel u t-tieni kap kienu marbutin intrinsikament* bħala mezz għall-fini, u l-artikolu 19(h) jgħid li meta żewġ renti jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, iservu bħala mezz biex isir reat ieħor, sew ikkwalifikat jew sempliċi, għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi". Kif tista' tkabbar jekk ma jkollokx żerriegħa? Kif jista' jkollok żerriegħa jekk ħadd m'hu awtorizzat li jkollu li tnibbet? Bil-fors tul it-triq irid ikun hemm importazzjoni illeġittima. Hemm in-ness fattwali u ġuridiku;

Il-Qorti manifestament riedet tapplika l-provvedimenti ta' restrizzjoni ta' libertà fi sptar mentali u *probation*. Il-piena pekunjarja fil-massimu tagħha, kienet esorbitanti. Għall-inqas kellu jiġi applikat l-artikolu 19(b), però l-artikolu 19(h) jagħmilha ċara";

Illi effettivament ma jistax jingħad li bejn l-importazzjoni taż-żerriegħa tal-Cannabis u l-kultivazzjoni tal-pjanta Cannabis hemm ness inxindibbli fattwali u ġuridiku. Infatti l-fatt ta' l-importazzjoni ma jġibx bħala konsegwenza li bil-fors l-istess żerriegħa trid tinżera'. Lanqas m'hu neċessarju li biex wieħed jikkultiva l-Cannabis irid ikun hu li jkun importa ż-żerriegħa tal-Cannabis. Dan apparti mill-fatt li anqas m'hi korretta s-sottomissjoni li miż-żerriegħa ta' Cannabis trid tkun bil-fors waħda importata. Infatti *stante* li huma notorji każijiet preċedenti ta' kultivazzjoni ta' Cannabis f'Malta u Għawdex mhux eskluża anzi hi dejjem possibbli l-provenjenza Maltija taż-żerriegħa. Oltre dan jiġi osservat minħabba dak li ssottometta l-appellant, illi kkunsidrat li għal reat taħt l-Ewwel Kap ta' akkauża li kellu l-istess piena bħal dak taħt it-tieni, l-Ewwel Qorti ma kkundannatu għall-ebda piena pekunjarja jew karċerarja ftit li xejn jista' jkollu saħħa l-ilment tiegħu li l-piena tal-multa ta' Lm2000 fuq it-tieni kap kienet eżorbitanti. Lanqas m'hi korretta

l-asserzjoni ta' l-appellant li l-multa ta' Lm2000 tirrappreżenta l-massimu tal-piena pekunjarja kkontemplata mil-liġi. Infatti, apparti milli l-liġi ma tikkontemplax piena pekunjarja biss iżda wkoll dik ta' priġunerija ta' mhux inqas minn tnax-il xahar, il-piena pekunarja fil-massimu taghha kienet ta' għaxart elef lira Maltija;

Anki dan l-aggravju għalhekk qed jiġi respint;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant għandu wkoll aggravju ieħor u li jirrigwarda l-konfiska tal-ġnien, l-appellanti jissottometti li l-liġi tgħid li l-immobbli jrid ikun deskritt fl-att ta' l-akkuża. Fl-akkuża u dan fuq dik il-parti li l-ġurati jridu jikkunsidraw ma kien hemm imsemmi xejn. Il-Qorti kienet se tagħmel kweżit lill-ġurati, imma hekk kienet tkun qiegħda temenda l-att ta' l-akkuża. Il-fond tal-liġi trid li jiġi deskritt fil-parti operattiva. Dan ma sarx u għalhekk il-konfiska ma kinitx leġittima;

Ikkunsidra:

Illi l-paragrafu (3) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 161 kif emendat bl-Att XXIII ta' l-1980 jipprovdi għall-"konfiska favur il-Gvern tal-proprjetà kollha immobbli li fiha jkun sar ir-reat kif deskritt fl-att ta' l-akkuża jew fl-akkuża";

Fil-każ in diżamina l-att ta' l-akkuża hu dak li ġie mdaħħal fir-Reġistru tal-Qorti Kriminali bin-numru 23 ta' l-1983 u li nqara lill-akkużat. Il-fatt li lill-ġurati ma tingħatalhomx il-parti rigwardanti l-piena ma tfissirx li dik il-parti mhix inkluża fl-att ta' l-akkuża;

Illi fil-każ in diżamina fir-rigward tat-tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża l-Avukat Ġenerali talab *inter alia* "il-konfiska favur il-Gvern tal-proprjetà kollha immobbli li fiha sar ir-reat kif aktar 'il fuq deskritt f'dana l-Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża". Aktar 'il fuq fl-istess Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża l-proprjetà ġiet indikata kif ser jingħad u ċjoè:

"Ġnien tal-fond bl-isem '*Venus*' fi Triq Tommaso Dingli, ġo Triq il-Knisja l-Qadima, Birkirkara. Dana l-fond kien xtrah l-imsemmi Loreto Attard fl-elf disgħa mija tlieta u sebgħin u jinsab deskritt fin-nota ta' l-insinwa 10266 ta' l-elf disgħa mija tlieta u sebgħin bħala konfinanti mit-Tramuntana ma' l-imsemmija triq, mill-Punent ma' proprjetà ta' Paul Attard Montaldo jew l-aventi kawża tiegħu u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Luke Gauci jew l-aventi kawża tiegħu, suġġett dana l-fond għas-sub ċens annum u perpetwu ta' ħamsa u għoxrin lira Maltija";

Aktar dettalji minn hekk diffiċilment wieħed jista' jippretendi. Inoltre l-kontenzjoni ta' l-appellant li d-deskrizzjoni trid tkun fil-parti operattiva m'hix konfortata mil-liġi li sempliċement tgħid "deskritt fl-att ta' l-akkuża jew fl-akkuża". Ma jistax ikun hemm dubju fil-fehma ta' din il-Qorti li *in vista* ta' dak li ngħad diġà d-deskrizzjoni qiegħda hemm fl-att ta' l-akkuża;

Anki dan l-aħħar aggravju għalhekk jirriżulta infondat u qed jiġi respint;

Fl-aħħarnett din il-Qorti billi l-appellant talab li jingħata piena li aktar tagħmel għall-każ tirrileva li ma taqbilx li għandu b'xi mod jiġi ddisturbat dak li ddeċidiet l-Ewwel Onorabbli Qorti;

Għal dawn il-motivi, għalhekk tiddisponi mill-appell interpost billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata...*Omissis*... .